MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 444/2006

**Banju Boutique Limited (C16354)**
**Vs**
**Albert Mizzi bil-karta ta' l-identita' numru 324736(M) u Schembri & Sons Limited (C4225)**

## Il-Qorti

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' r-rikorrenti ppremettiet:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija propjetarja ta' l-art maghrufa bhala Tal-Wilga hdejn Villa Blye, Rahal Gdid u dan skond il-kuntratt fl-atti tas-16 ta' Dicembru, 1998 tan-Nutar Dottor Pierre Cassar.

2. Illi l-intimati jippretendu li huma propjetarji ta' terz (1/3) indiviz mill-istess propjeta' surreferita.

3. Illi dawn il-pretensjonijiet ta’ l-intimati saru permezz ta’ ittra ufficjali datata 24 t’April, 2006 fejn l-intimati nterpellaw lill-esponenti sabiex immedjatament jersqu ghall-kuntratt ta’ divizjoni ta’ l-imsemmija propjeta’ f’kaz li l-imsemmija proprjeta’ hija komodoment divizibbli kif ukoll li l-istess esponenti tiddezisti milli b’xi mod tizviluppa l-imsemmija art sakemm issir il-qasma opportuna.

Ghalhekk jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tipprefigi terminu lil l-istess intimati, a tenur ta’ l-art. 403 u 404 tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta), sabiex f’dan it-terminu l-intimati jgibu ‘il quddiem b’kawza l-pretensjoni tieghu;

2. Timpedixxi lil l-intimati milli qatt izjed jagixxu ghal dik il-pretensjoni, fin-nuqqas.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-intimati u/jew ir-raprezentanti taghhom ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti a fol. 3 tal-process.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jidhru u jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjoniiet u hekk baqu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Dr. Philip Magri;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Blli mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-intimati tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, a tenur ta’ l-art. 403 u 404 tal-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u tipprefiggi terminu ta’ xahar zmien millum biex l-intimati jgibu ‘il quddiem b’kawza l-pretensjonijiet taghhom u fin-nuqqas tipprojbixxi lill-intimati milli qatt izjed jagixxu ghal dik il-pretenzjoni, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------